MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2011

Numru 11/2011

**Ir-Repubblika ta' Malta
Vs
Sofiya Georgieva**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 11 tas-sena 2011 kontra l-akkuzata Sofiya Georgieva, li bih hija giet akkuzata talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fil-hamsa u ghoxrin (25) jum mix- xhar ta` Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u fil –jiem ta` qabel din id-data SOFIYA GEORGIEVA iddecidiet xjentement li tibda tittraffika u tesporta illegalment id-droga kokajina f`Malta u dan bi ftehim ma haddiehor.

Illi fid-dati hawn fuq indikati l- akkuzata SOFIYA GEORGIEVA assocjat ruhha u ftiehmet ma` persuna ohra certu Jaki sabiex tigi ttrafikata u esportata minn Spanja gewwa l- Gzejjer Maltin kwantita ta` droga kokajina (185

grammi). L- akkuzata ftiehmet ma` dan Jaki dwar il –mezz ta` trasport li kellha tuza biex timporta f`Malta din id-droga (titjiriet bl-ajru minn Girona, Spanja ghal Malta) u dwar il-mod kif din id-droga kellha tingarr u tigi importata gewwa f`Malta u cioe` f`kapsoli mohbija fil- partijiet intimi ta` gisem l- akkuzata. SOFIYA GEORGIEVA ftiehmet u ippjanat ma` dan Jaki li malli tasal Malta kellha tikkonsenja dan l–ammont ta` droga kokajina lil terza persuna sabiex din tigi eventwalment mibjugha u ittraffikata gewwa Malta.

Fil- hamsa u ghoxrin jum ta` Marzu tas-sena elfejn u ghaxra l-akkuzata qabdet titjira tar-Ryan Air FR 9012 minn Girona, Spanja ghal Malta. F`din id-data l–akkuzata waslet Malta u kellha fil-partijiet intimi taghha xjentement u illegalment kapsoli mimlija bid-droga kokajina total ta` 185 grammi. Mal–wasla taghha f`Malta l–akkuzata giet intercettata minn Ufficjali tad-Dwana gewwa l –Ajruport Internazzjonali ta` Malta li irreferewha lill-pulizija. Il-Pulizija ghamlu tfittxija fuq il-persuna ta` l–akkuzata u eventwalment talbuha tissottometti ruhha ghal *body scan* gewwa l- isptar Mater Dei. B`kollox irrizulta li SOFIYA GEORGIEVA kellha f`gisimha ghaxar kapsoli mimlija bi 185.05 grammi droga kokajina u purita` ta` circa 39% u valur ta` circa erbatax il-elf ewro (14,000).

SOFIYA GEORGIEVA ma kellha l–ebda awtorizzazzjoni sabiex ikollha fil –pussess taghha jew li timporta dawn il –medicini perikoluzi skond il- Ligi.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b’ghemila, l-imsemmija SOFIYA GEORGIEVA saret hatja talli assocjat ruhha ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta sabiex tbiegh jew tittraffika d-droga kokajina, kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi, jew ippromwoviet, ikkostitwixxiet, organiżżat jew iffinanzjat din l-assoċazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-SOFIYA GEORGIEVA ħatja talli assoċjat ruħha ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex tbiegħ jew tittraffika d-droga kokajina f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta` l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwoviet, ikkostitwixxiet, organiżżat jew iffinanżjat din l-assoċazzjoni;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzata u illi tigi kkundannata ghal piena ta' prigunerija ghal ghomorha u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (**(€2,329.37)**) izda mhuz izjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (**(€116,500.00**) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2,9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A, 24 u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli **17, 23, 23A, 23B, 23C** u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzata.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-istess zmien u ċirkostanzi kif imsemmija fl-ewwel Kap ta' dan l-Att tal-Akkuża u cioe` fil-hamsa u ghoxrin (25) jum ta` Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u fil–jiem ta` qabel, SOFIYA GEORGIEVA in eżekuzzjoni tal-assoċjazzjoni ta' bejnha u certu Jaki iddecidiet li tesporta minn Spanja ammont ta` droga kokajina sabiex din tigi importata f`Malta. In esekuzzjoni ta` dan il- pjan mahsub minn qabel, fil-25 ta` Marzu 2010 l –akkuzata iltaqat ma` Jaki gewwa Barcelona u hemm hekk l–akkuzata iddecidiet li tinserixxi u fil–fatt inserixxiet fil-partijiet intimi ta` gisimha ghaxar (10) kapsoli mimlija bid-droga kokajina bl- iskop li din id-droga tigi importata u eventwalment ittraffikata f`Malta.

Fil-hamsa u ghoxrin jum ta` Marzu tas-sena elfejn u ghaxra l-akkuzata qabdet titjira tar-Ryan Air FR 9012

minn Girona, Spanja ghal Malta. F`din id-data l–akkuzata waslet Malta u kellha fil-partijiet intimi ta` gisimha xjentement u illegalment ghaxar kapsoli (10) mimlija bid-droga kokajina total ta` 185 grammi. Mal–wasla taghha f`Malta l–akkuzata giet intercettata minn Ufficjali tad-Dwana gewwa l –Ajruport Internazzjonali ta` Malta li irreferewha lill-pulizija. Il- Pulizija ghamlu tfittxija fuq il-persuna ta` l –akkuzata u eventwalment talbuha tissottometti ruhha ghal *body scan* gewwa l- isptar Mater Dei. B`kollox irrizulta li SOFIYA GEORGIEVA kellha f`gisimha ghaxar kapsoli mimlija bi 185.05 grammi droga kokajina b`purita` ta` circa 39% u valur ta` cirka erbatax il-elf ewro (14,000).

SOFIYA GEORGIEVA ma kellha l –ebda awtorizzazzjoni sabiex ikollha fil –pussess taghha jew li timporta dawn il –medicini perikoluzi skond il- Ligi.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemila l-imsemmija SOFIYA GEORGIEVA saret hatja talli importat, gieghlet li tigi importata jew ghamlet xi haga biex tkun tista' tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u cioè meta ma kelliex awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija SOFIYA GEORGIEVA hatja talli importat, gieghlet li tigi importata jew ghamlet xi haga biex tkun tista' tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u cioè meta ma kelliex awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzata u illi tigi kkundannata ghal piena ta' prigunerija ghal ghomorha u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (**(€2,329.37)**) izda mhuz izjed minn mija u sittax il-elf u

ħames mitt Euro ((**€116,500.00**) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A, 24 u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli **17, 23, 23A, 23B, 23C** u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzata.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fil-hamsa u ghoxrin (25) jum ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u fil- jiem ta` qabel, l-akkuzata SOFIYA GEORGIEVA in eżekuzzjoni tal-assoċjazzjoni ta' bejna u certu Jaki iddecidiet li tesporta minn Spanja ammont ta` droga kokajina sabiex din tigi importata f`Malta.
Fil- 25 ta` Marzu 2010 l-akkuzata qabdet titjira tar-Ryan Air FR 9012 minn Girona - Malta. F`din id-data l-akkuzata waslet Malta u kellha fil-partijiet intimi ta' gisimha xjentement u illegalment ghaxar (10) kapsoli mimlija bid-droga kokajina ghal total ta' 185 grammi**.** Mal–wasla taghha f`Malta l–akkuzata giet intercettata minn Ufficjali tad-Dwana gewwa l –Ajruport Internazzjonali ta` Malta li irreferewha lill-pulizija. Il- Pulizija ghamlu tfittxija fuq il-persuna ta` l –akkuzata u eventwalment talbuha tissottometti ruhha ghal *body scan* gewwa l- isptar Mater Dei. B`kollox irrizulta li SOFIYA GEORGIEVA kellha f`gisimha ghaxar kapsoli mimlija bi 185.05 grammi droga kokajina u purita` ta' circa 39% u valur ta' circa erbatax -il elf ewro (€14,000).

L-akkuzata kienet ghalhekk fil- pussess xjenti u illegali ta` ghaxar kapsoli mimlija bid-droga kokajina waqt li kienet qieghda Malta f`tali cirkostanzi li juru li dan l-ammont ta' droga ma kienx ghal uzu esklussiv taghha.

SOFIYA GEORGIEVA ma kellha l–ebda awtorizzazzjoni sabiex ikollha fil –pussess taghha jew li timporta dawn il-medicini perikoluzi skond il- Ligi.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b’ghemila l-imsemmija SOFIYA GEORGIEVA saret hatja talli kellha fil-pussess taghha d-droga kokajina meta ma kienitx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienitx bil-licenza jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni id-droga msemmija, u ma kienitx b’xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienitx awtorizzata bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b’xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollha dik id-droga fil-pussess taghha, u dik id-droga ma gietx fornita lilha ghall-uzu taghha skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv taghha.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija SOFIYA GEORGIEVA talli kellha fil-pussess taghha d-droga kokajina meta ma kienitx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienitx bil-licenza jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni id-droga msemmija, u ma kienitx b’xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienitx awtorizzata bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b’xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollha dik id-droga fil-pussess taghha, u dik id-droga ma gietx fornita lilha ghall-uzu taghha skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv taghha;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzata u illi tigi kkundannata ghal piena ta' prigunerija ghal ghomorha u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (**(€2,329.37)**) izda mhuz izjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (**(€116,500.00**) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli **2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A, and 26** ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regoli 2, 9 u 16 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli **17, 23, 23A, 23B, 23C** u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzata.

Rat ir-Rikors Konġuntiv tal-Avukat Generali w tal-akkużata Sofiya Georgieva, tas-17 ta' Ottubru, 2011, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużata għall-akkużi miġjuba kontriha, l-piena li għandha tigi inflitta fuqha minn din il-Qorti għandha tkun wahda ta' priġunerija għal periodu ta' sitt (6) snin flimkien ma multa ta' hmistax-il elf Euro (€15,000) u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi oħra tassattivi ghad-dikjarazzjoni w sejbien ta' htija ai termini tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi [Kapitolu 101], inkluż il-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u ta' kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta' mobbli w immobbli tal-istess akkużata;

Rat illi waqt is-seduta tallum 24 t'Ottubru, 2011, l-akkużata, mistoqsija jekk ihiex ħatja skond l-Att tal-Akkuza, wieġbet billi stqarret li hija kienet ħatja tar-reati hemm dedotti kontra taghha;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba w tatha ftit taż-żmien biex terga' lura minnha, kif obbligata li

tagħmel skond l-artikolu 453A (1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-akkużata baqghet itenni t-tweġiba li hija kienet ħatja.

Tiddikjara ghalhekk lil Sofiya Georgieva hatja :-

1. talli, fil-25 ta’ Marzu, 2010 u fil-jiem ta’ qabel din id-data assoċjat ruħha ma’ persuni oħra f’Malta u ma’ persuni oħra barra minn Malta sabiex tbiegħ jew tittraffika d-droga kokajina f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta` l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwoviet, ikkostitwixxiet, organiżżat jew iffinanżjat din l-assoċazzjoni, w dana fir-rigward tal-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.
2. talli fil-25 ta’ Marzu, 2010 importat, gieghlet li tigi importata jew ghamlet xi haga biex tkun tista’ tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u cioè meta ma kelliex awtorizzazzjoni ta’ importazzjoni valida, w dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.
3. talli fil-25 ta’ Marzu, 2010 kellha fil-pussess taghha d-droga kokajina meta ma kienitx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienitx bil-licenza jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni id-droga msemmija, u ma kienitx b’xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienitx awtorizzata bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b’xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollha dik id-droga fil-pussess taghha, u dik id-droga ma gietx fornita lilha ghall-uzu taghha skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv taghha, w dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

Ikkonsidrat;

Qieset illi r-reat taht it-tielet Kap tal-att ta' l-akkuza, ghall-fini tal-piena, huwa assorbit fl-ewwel u t-tieni kapi tal-Att ta’ l-Akkuza, stante li servew bhala mezz ghall-fini biex seta’ jigi kommess r-reat in kwistjoni a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali, (ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.5.2003] u ohrajn).

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero’ ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b’arrest tal-hatja, w lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Peress li, wara li hadet kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u senjatament l-eta’ tal-hatja, l-kondotta ta’ qabel tal-hatja, x-xorta w l-kwantita’ tat-taghmir jew materjal, u b’ mod partikolari f’ dan il-kaz il-kwantita’ ta’ droga involuta fir-reati, ic-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reati, kif ukoll sentenzi recenti fejn kien hemm ammissjoni ta’ reati simili w fejn il-kwantita’ tad-drogi kienet piu’ o meno simili ghal dik involuta f’dan il-kaz, hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta’ sanzjonijiet u mizuri mitluba huma tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta’ htija ghar-reati li dwarhom il-hatja ammettiet l-htija taghha w peress li ma hemmx raguni ohra skond il-ligi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz, jidher li din il-Qorti ghandha tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

Ghaldaqstant, wara l qieset dan kollu, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24, 24A u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi w ir-regoli 2, 9 u 16 tar-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hatja Sofiya Georgieva ghall-piena ta’ sitt (6) snin prigunerija, b’dana li minn dan il-perjodu jrid jinqata’ kull zmien li hi ghamlet taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma dawn ir-reati kif ukoll tikkundannha thallas is-somma ta’ hmistax-il elf Euro (€15,000) multa konvertita fi tnax –il xahar prigunerija jekk ma jithallsux fi zmien hmistax, u s-somma

ta' elf, hames mija w disa` Euro u sitta w tletin euro centezmi import ta' l-ispejjez peritali (€1509.36) a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hatja;

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma' xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni
ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------